

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 432/2012**
tas-16 ta' Mejju 2012

li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 136, 25.5.2012, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2013 tal-11 ta' Ġunju 2013	L 160	4	12.6.2013
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 851/2013 tat-3 ta' Settembru 2013	L 235	3	4.9.2013
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1018/2013 tat-23 ta' Ottubru 2013	L 282	43	24.10.2013
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 40/2014 tas-17 ta' Jannar 2014	L 14	8	18.1.2014
► <u>M5</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 274/2014 tal-14 ta' Marzu 2014	L 83	1	20.3.2014
► <u>M6</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/7 tas-6 ta' Jannar 2015	L 3	3	7.1.2015
► <u>M7</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/539 tal-31 ta' Marzu 2015	L 88	7	1.4.2015
► <u>M8</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2314 tas-7 ta' Diċembru 2015	L 328	46	12.12.2015
► <u>M9</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/854 tat-30 ta' Mejju 2016	L 142	5	31.5.2016



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 432/2012

tas-16 ta' Meju 2012

li jstabilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-indikazzjonijiet li jsiru dwar l-ikel huma projbiti sakemm dawn ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni b'konformità ma' dak ir-Regolament u inklużi f'lista ta' indikazzjonijiet permessi.
- (2) L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li l-Istati Membri għandhom iressqu listi nazzjonali tal-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, kif inhu msemmi fl-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament tal-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2008. Il-listi nazzjonali tal-indikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati mill-kundizzjonijiet li japplikaw għalihom u minn referenzi għall-ġustifikazzjoni xjentifika rilevanti.
- (3) L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li, wara li tkun ikkonsultat mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Awtorità"), il-Kummissjoni għandha tadotta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010, lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel kif inhu msemmi fl-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament, u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet.
- (4) Fil-31 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni rċeviet listi b'aktar minn 44 000 indikazzjoni dwar is-saħħa mill-Istati Membri. Eżaminazzjoni tal-listi nazzjonali wriet li minħabba ħafna duplikazzjonijiet u wara diskussjonijiet mal-Istati Membri, kien meħtieġ li jinġabru l-listi nazzjonali f'lista konsolidata tal-indikazzjonijiet li għalihom l-Awtorità għandha tagħti parir xjentifiku, minn issa 'l quddiem imsejħa "lista konsolidata" ⁽²⁾.
- (5) Fl-24 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni ressqet b'mod formali lill-Awtorità talba għal opinjoni xjentifika skont l-Artikolu 13(3)

⁽¹⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

⁽²⁾ <http://www.efsa.europa.eu/en/ndaclaims13/docs/ndaclaims13.zip>

▼B

tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, flimkien mat-termini ta' referenza u l-ewwel parti tal-lista konsolidata. Partijiet sussegwenti tal-lista konsolidata ġew trażmessi f'Novembru u Diċembru 2008. Il-lista konsolidata ġiet iffinalizzata mill-Kummissjoni permezz ta' *addendum* li tressaq quddiem l-Awtorità fit-12 ta' Marzu 2010. Sussegwentement, xi Stati Membri ritiraw xi indikazzjonijiet mil-lista konsolidata qabel evalwathom l-Awtorità. L-evalwazzjoni xjentifika tal-Awtorità ġiet konkluża fil-pubblikazzjoni tal-opinjoni tagħha bejn Ottubru 2009 u Lulju 2011 ⁽¹⁾.

- (6) Fl-evalwazzjoni tagħha l-Awtorità sabet li xi sottomissjonijiet koprew effetti indikati differenti jew irreferew għall-istess effett indikat. Għalhekk, indikazzjoni dwar is-saħħa li hi kkonsiderata f'dan ir-Regolament tista' tirrappreżenta entrata waħda jew iżjed mil-lista konsolidata.
- (7) Għal numru ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa l-Awtorità kkonkludiet li, abbażi tad-dejta mogħtija, ġiet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn kategorija tal-ikel, tip ta' ikel jew wieħed mill-kostitwenti tal-ikel, u l-effett indikat. Stqarrijiet dwar is-saħħa li jikkorrispondu għal dawk il-konklużjonijiet u li huma konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 għandhom ikunu awtorizzati skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u inklużi f'lista ta' indikazzjonijiet permessi.
- (8) L-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li l-indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa jridu jkunu akkumpanjati mill-kundizzjonijiet kollha meħtieġa (inklużi r-restrizzjonijiet) għall-użu tagħhom. Għaldaqstant, il-lista ta' indikazzjonijiet permessi għandha tinkludi l-kliem tal-indikazzjoni u l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu tal-indikazzjonijiet, u fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet tal-użu u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u f'konformità mal-opinjoni tal-Awtorità.
- (9) Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 hu li dan jiżgura li l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa huma veriti, ċari, affidabbli u utli għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati l-kliem u l-preżentazzjoni tat-tali indikazzjonijiet. Meta l-kliem tal-indikazzjonijiet ikollu l-istess tifsira għall-konsumaturi bħal dik ta' indikazzjoni permessa dwar is-saħħa, għax juri l-istess relazzjoni li teżisti bejn kategorija tal-ikel, tip ta' ikel jew wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa, l-indikazzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet tal-użu stabbiliti għall-indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa.
- (10) Il-Kummissjoni identifikat numru ta' indikazzjonijiet permessi għall-evalwazzjoni, li jirreferu għal effetti tal-pjanti jew sustanzi tal-ħxejjex, iżjed magħrufa bħala sustanzi "botaniċi", li għalihom l-Awtorità għadha trid tlesti evalwazzjoni xjentifika. Barra minn hekk, hemm numru ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa li għalihom hemm bżonn iżjed evalwazzjoni qabel il-Kummissjoni tkun tista' tikkonsidera li tinkludihom jew mod ieħor fil-lista ta' indikazzjonijiet permessi, jew li ġew evalwati iżda minħabba fatturi oħra leġittimi għalissa l-Kummissjoni ma tistax tlesti l-konsiderazzjoni.

⁽¹⁾ <http://www.efsa.europa.eu/en/topics/topic/article13.htm>

▼B

- (11) L-indikazzjonijiet li għadha ma tlestietx l-evalwazzjoni tagħhom mill-Awtorità jew il-konsiderazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, se jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni⁽¹⁾ u jistgħu jibqgħu jintużaw skont l-Artikoli 28(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.
- (12) Skont l-Artikoli 6(1) u 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika ġeneralment aċċettata. Għaldaqstant, indikazzjonijiet dwar is-saħħa li ma rċivewx valutazzjoni favorevoli fis-sostanzjament xjentifiku tagħhom mill-Awtorità, peress li ma kienx konkluż li għet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett bejn kategorija tal-ikel, tip ta' ikel jew wieħed mill-kostitwenti tal-ikel u l-effett indikat, m'għandhomx jiġu awtorizzati. Awtorizzazzjoni tista' tkun ukoll irrifjutata b'mod leġittimu jekk l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa mhumiex konformi ma' rekwiżiti oħra ġenerali u speċifiċi tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, anke fil-każ ta' valutazzjoni xjentifika favorevoli mill-awtorità. M'għandhomx isiru indikazzjonijiet dwar is-saħħa li huma inkonsistenti mal-prinċipji ġeneralment aċċettati tan-nutrizzjoni u s-saħħa. L-Awtorità kkonkludiet li għal indikazzjoni minnhom⁽²⁾ dwar l-effett tax-xaħmijiet fuq l-assorbiment normali ta' vitamini solubbli fix-xaħam u għal indikazzjoni oħra⁽³⁾ dwar l-effett tas-sodju fuq iż-żamma ta' funzjoni normali tal-muskoli, għet stabbilita relazzjoni ta' kawża u effett. Madanakollu, l-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa jwassal messaġġ konfliġġenti u konfuż lill-konsumaturi, għax jinkoraġġixxi konsum ta' nutrijenti li dwarhom, abbażi ta' parir xjentifiku ġeneralment aċċettat, awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u internazzjonali jinformat lill-konsumatur li l-użu tagħhom għandu jonqos. Għalhekk, dawn iż-żewġ indikazzjonijiet mhumiex konformi mal-punt (a) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 li jipprevedi li l-użu tal-indikazzjonijiet m'għandux ikun ambigwu jew qarrieqi. Apparti dan, anke jekk l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa kkonċernati kellhom jiġu awtorizzati biss taħt kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu u/jew akkumpanjati minn dikjarazzjonijiet jew twissijiet addizzjonali, dan ma jkunux biżżejjed biex jevitaw il-konfużjoni tal-konsumatur, u għalhekk m'għandhomx jiġu awtorizzati.
- (13) Dan ir-Regolament għandu japplika sa sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ sabiex jippermetti lill-operaturi tan-negozji tal-ikel jadattaw għar-rekwiżiti tiegħu, inkluża l-projbizzjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ta' dawk l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li tkun saret l-evalwazzjoni tagħhom mill-Awtorità u l-konsiderazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.
- (14) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm Regjistru tal-Unjoni għall-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa li jsiru fuq l-ikel, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regjistru". Ir-Regjistru se jkun fih l-indikazzjonijiet awtorizzati kollha u, *inter alia*, il-kundizzjonijiet tal-użu li japplikaw għalihom. Ir-Regjistru se jinkludi wkoll lista ta' indikazzjonijiet irrifjutati dwar is-saħħa u r-raġunijiet għar-rifjut tagħhom.

(1) http://ec.europa.eu/food/food/labellingnutrition/claims/index_en.htm

(2) Li tikkorrispondi għall-entrati ID 670 u ID 2902 fil-lista konsolidata.

(3) Li tikkorrispondi għall-entrata ID 359 fil-lista konsolidata.

▼B

- (15) Stqarrijiet dwar is-saħħa li kienu rtirati mill-Istati Membri ma jkunux inklużi fil-lista ta' indikazzjonijiet irrifjutati fir-Reġistru tal-Unjoni. Ir-Reġistru jkun aġġornat minn żmien għall-ieħor u, skont il-każ, wara progress ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa li għadha ma tlestietx l-evalwazzjoni tagħhom mill-Awtorità u/jew il-konsiderazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni.
- (16) Meta stabbiliet il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni qieset il-kummenti u l-pożizzjonijiet li rċeviet mingħand il-membri tal-pubbliku u l-partijiet interessati.
- (17) Is-sustanzi miżjuda fil-prodotti tal-ikel jew l-użu ta' sustanzi fil-prodotti tal-ikel huma regolati minn leġiżlazzjoni speċifika nazzjonali u tal-Unjoni, kif l-istess hija l-klassifikazzjoni tal-prodotti bħala prodotti tal-ikel jew prodotti mediċinali. Kull deċiżjoni li tirrigwarda indikazzjoni dwar is-saħħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 bħal pereżempju l-inklużjoni fil-lista ta' indikazzjonijiet permessi msemija fl-Artikolu 13(3) tiegħu ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tas-sustanza li dwarha ssir l-indikazzjoni, deċiżjoni dwar jekk is-sustanza tistax tintuża fil-prodotti tal-ikel, jew klassifikazzjoni ta' ċertu prodott bħala prodott tal-ikel.
- (18) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma oppo-newhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Stqarrijiet permessi dwar is-saħha

1. Il-lista ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa li jstgħu jsiru fuq l-ikel, kif inhu msemmi fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, hi stipulata fl-Anness għal dan ir-Regolament.
2. L-indikazzjonijiet dwar is-saħħa msemmijin fil-paragrafu 1 jstgħu jsiru fuq ikel f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNEX

LISTA TA' INDIKAZZJONIJIET DWAR IS-SAĦĦA PERMESSI

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Aċidi xaħmin moninsaturi u/jew polinsaturi	Is-sostituzzjoni ta' xaħmijiet saturati ma' xaħmijiet mhux saturati fid-dieta tikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-dem. [Il-MUFA u l-PUFA huma xaħmijiet mhux saturati]	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli ta' aċidi xaħmin mhux saturati, kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIX-XAĦAM MHUX SATURAT kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2011;9(4):2069 2011;9(6):2203	621, 1190, 1203, 2906, 2910, 3065 674, 4335
Aċidu alfa-linoleniku (ALA)	ALA jikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-dem	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' ALA kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TAL-AĊIDI XAĦMIN TA' OMEGA3 kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 2 g ta' ALA.		2009; 7(9):1252 2011;9(6):2203	493, 568
Aċidu dokosaessenojku (DHA)	Id-DHA jikkontribwixxi għaż-żamma tal-funzjoni normali tal-moħħ	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 40 mg ta' DHA għal kull 100 g u għal kull 100 kcal. Sabiex iġib din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 250 mg ta' DHA.		2010;8(10):1734 2011;9(4):2078	565, 626, 631, 689, 704, 742, 3148, 690, 3151, 497, 501, 510, 513, 519, 521, 534, 540, 688, 1323, 1360, 4294
Aċidu dokosaessenojku (DHA)	Id-DHA jikkontribwixxi għaż-żamma ta' vista tajba	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 40 mg ta' DHA għal kull 100 g u għal kull 100 kcal. Sabiex iġib din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 250 mg ta' DHA.		2010;8(10):1734 2011;9(4):2078	627, 632, 743, 3149, 2905, 508, 510, 513, 519, 529, 540, 688, 4294

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konso lidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Aċidu Ejkosapentenojku u aċidu dokosaessenojku (EPA/DHA)	L-EPA u d-DHA jikkontribwixxu għall-funzjoni normali tal-qalb	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' EPA u ta' DHA kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TAL-AĊIDI XAĦMIN OMEGA3 kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006. Sabiex iġibu din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 250 mg ta' EPA u ta' DHA.		2010;8(10):1796 2011;9(4):2078	504, 506, 516, 527, 538, 703, 1128, 1317, 1324, 1325, 510, 688, 1360
Aċidu linolejku	L-aċidu linolejku jikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-demm	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 1,5 g ta' aċidu linolejku (LA) għal kull 100 g u għal kull 100 kcal. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 10 g ta' LA.		2009; 7(9):1276 2011;9(6):2235	489, 2899
Aċidu olejku	Is-sostituzzjoni ta' xaħmijiet saturati fid-dieta b'xaħmijiet mhux saturati tikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-demm. L-aċidu olejku huwa xaħam mhux saturat.	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli ta' aċidi xaħmin mhux saturati, kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIX-XAĦAM MHUX SATURAT kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2011;9(4):2043	673, 728, 729, 1302, 4334
Aċidu Pantoteniku	L-aċidu pantoteniku jikkontribwixxi għall-metaboliżmu li jipproduċi l-enerġija b'mod normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' aċidu pantoteniku kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1218	56, 59, 60, 64, 171, 172, 208

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Aċidu Pantoteniku	L-aċidu pantoteniku jikkontribwixxi għal sinteżi u għall-metaboliżmu normali tal-ormoni sterojdi, tal-vitamina D u ta' xi newrotrażmettituri	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' aċidu pantoteniku kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1218	181
Aċidu Pantoteniku	L-aċidu pantoteniku jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-għejja u fl-għejja kbira	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' aċidu pantoteniku kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2010;8(10):1758	63
Aċidu Pantoteniku	L-aċidu pantoteniku jikkontribwixxi għall-prestazzjoni mentali normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' aċidu pantoteniku kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1218 2010;8(10):1758	57, 58
Anewrina	L-anewrina tikkontribwixxi għall-metaboliżmu li jipproduċi l-enerġija b'mod normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' anewrina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2009; 7(9):1222	21, 24, 28
Anewrina	L-anewrina tikkontribwixxi għall-funzjonament normali tas-sistema nervuża	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' anewrina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2009; 7(9):1222	22, 27

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Anewrina	L-aneurina tikkontribwixxi għall-funzjoni psikoloġika normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' aneurina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2010;8(10):1755	205
Anewrina	L-aneurina tikkontribwixxi għall-funzjoni normali tal-qalb	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' aneurina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2009; 7(9):1222	20
Arabinossilan prodott mill-endosperma tal-qamħ	Il-konsum tal-arabinossilan bħala parti minn ikla jikkontribwixxi għal tnaqqis fiż-żieda ta' glukożju fid-demm wara dik l-ikla	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 8 g ta' arabinossilan (AX) b'ħafna fibri prodott minn endosperma tal-qamħ (mill-inqas 60 % AX bħala piż) għal kull 100 g ta' karboidrati disponibbli f'porzjon ikkwantifikat bħala parti mill-ikla. Sabiex iġib l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb billi l-arabinossilan (AX) b'ħafna fibri prodott mill-endosperma tal-qamħ jiġi kkonsmat bħala parti mill-ikla.		2011;9(6):2205	830
Beta-glukani	Il-beta-glukani jikkontribwixxu għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-demm	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 1 g ta' beta-glukani minn ħafur, granza tal-ħafur, xgħir, xgħir tan-nuħħala, jew minn taħlitiet ta' dawn is-sorsi għal kull porzjon ikkwantifikat. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 3 g ta' beta-glukani minn ħafur, granza tal-ħafur, xgħir, xgħir tan-nuħħala, jew minn taħlitiet ta' dawn il-beta-glukani.		2009; 7(9):1254 2011;9(6):2207	754, 755, 757, 801, 1465, 2934 1236, 1299
Beta-glukani mill-ħafur u mix-xgħir	Il-konsum ta' beta-glukani mill-ħafur jew mix-xgħir bħala parti minn ikla jikkontribwixxi għal tnaqqis fiż-żieda ta' glukożju fid-demm wara dik l-ikla	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 4 g ta' beta-glukani mill-ħafur u mix-xgħir għal kull 30 g ta' karboidrati disponibbli f'porzjon ikkwantifikat bħala parti mill-ikla. Sabiex iġib l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb billi l-beta-glukani mill-ħafur u mix-xgħir jiġu kkonsmati bħala parti mill-ikla.		2011;9(6):2207	821, 824

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Betaina	Il-betaina tikkontribwixxi għall-metaboliżmu normali tal-omoċisteina	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fih mill-inqas 500 mg ta' betaina għal kull porzjon ikkwantifikat. Sabiex iġib l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 1,5 g ta' betaina.	Sabiex iġib l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li doża ta' kuljum li taqbeż 1-4 g tista' żżid b'mod sinifikanti l-livelli ta' kolesterol fid-demm.	2011;9(4):2052	4325
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għall-metaboliżmu li jipproduċi l-enerġija b'mod normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1209	114, 117
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għall-funzjonament normali tas-sistema nervuża	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament(KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1209	116
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għall-metaboliżmu makro-nutrijent normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1209 2010;8(10):1728	113, 114, 117, 4661
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għall-funzjoni psikoloġika normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2010;8(10):1728	120
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għaż-żamma ta' xagħar normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1209 2010;8(10):1728	118, 121, 2876

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konso-lidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għaż-żamma tal-membrani mukużi normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1209	115
Bijotina	Il-bijotina tikkontribwixxi għaż-żamma ta' ġilda normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' bijotina kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1209 2010;8(10):1728	115, 121
Ċwingamm mingħajr zokkor	Iċ-ċwingamm mingħajr zokkor jikkontribwixxi għaż-żamma tal-mineralizzazzjoni tas-snien	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ċwingamm li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' użu għall-indikazzjoni tan-nutrizzjoni MINGĦAJR ZOKKOR kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb bil-magħda, mill-inqas għal 20 minuta, wara l-ikel jew ix-xorb.		2009; 7(9):1271 2011;9(4):2072 2011;9(6):2266	1151, 1154 486, 562, 1181
Ċwingamm mingħajr zokkor	Iċ-ċwingamm mingħajr zokkor jikkontribwixxi għan-newtralizzazzjoni tal-aċidi tal-plakka	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ċwingamm li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' użu għall-indikazzjoni tan-nutrizzjoni MINGĦAJR ZOKKOR kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb bil-magħda, mill-inqas għal 20 minuta, wara l-ikel jew ix-xorb.		2009; 7(9):1271 2011;6(6):2266	1150 485
Ċwingamm mingħajr zokkor	Iċ-ċwingamm mingħajr zokkor jikkontribwixxi biex inaqqas in-niexfa fil-ħalq	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ċwingamm li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' użu għall-indikazzjoni tan-nutrizzjoni MINGĦAJR ZOKKOR kif elenkat fl-Anness għar-Regolament 1924/2006. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb bl-użu ta' ċwingamm kull meta l-ħalq ikun jinħass xott.		2009; 7(9):1271	1240

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Ċuwingamm mingħajr zokkor bil-karbamid	Iċ-ċuwingamm mingħajr zokkor li għandu l-karbamid jinnewtralizza l-aċidi tal-plakka b'mod aktar effettiv miċ-ċuwingamms mingħajr zokkor li m'għandhomx il-karbamid	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ċuwingamm li jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' użu għall-indikazzjoni tan-nutrizzjoni MINGĦAJR ZOKKOR kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Sabiex iġib din l-indikazzjoni, kull biċċa ċuwingamm mingħajr zokkor għandu jkun fiha mill-inqas 20 mg ta' karbamid. Il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni li ċ-ċuwingamm għandha tintmagħad, mill-inqas għal 20 minuta, wara l-ikel jew ix-xorb.		2011;9(4):2071	1153
Chitosan	Iċ-chitosan jikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-demm	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jipprovdi doża ta' kuljum ta' 3 g ta' chitosan. Sabiex iġib din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 3 g ta' chitosan.		2011;9(6):2214	4663
Enzima tal-lattasju	L-enzima tal-lattasju ttejjeb id-diġestjoni tal-lattosju f'individwi li jkollhom diffikultà fid-diġestjoni tal-lattosju	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal supplimenti tal-ikel, b'doża minima ta' 450 unità ta' FCC (Kodiċi tal-Kimiċi tal-Ikel) b'istruzzjonijiet lill-popolazzjoni mmirata għall-konsum ma' kull ikla li jkun fiha l-lattosju.	Il-popolazzjoni mmirata għandha tingħata informazzjoni dwar il-fatt li t-tole-ranza għal-lattosju hija varjabbli filwaqt li għandhom ifittxu parir dwar ir-rwol li għandha din is-sustanza fid-dieta tagħhom.	2009; 7(9):1236 2011;9(6):2203	1697, 1818 1974
Fibra tal-qamħ tal-ħafur	Il-fibra tal-qamħ tal-ħafur tikkontribwixxi għal żieda fil-kwantità ta' ppurgar	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli minn dik il-fibra kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIL-FIBRA kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2011;9(6):2249	822
Fibra tal-qamħ tax-xgħir	Il-fibra tal-qamħ tax-xgħir tikkontribwixxi għal żieda fil-kwantità ta' ppurgar	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli minn dik il-fibra kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIL-FIBRA kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2011;9(6):2249	819

▼ **B**

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konso-lidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Fibra tan-nuħħala tal-qamħ	Il-fibra tan-nuħħala tal-qamħ tikkontribwixxi għal aċċellerazzjoni tat-tranżitu intestinali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli minn dik il-fibra kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIL-FIBRA kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006. Sabiex iġġib din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett indikat jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' mill-inqas 10 g ta' fibra tan-nuħħala tal-qamħ.		2010;8(10):1817	828, 839, 3067, 4699
Fibra tan-nuħħala tal-qamħ	Il-fibra tan-nuħħala tal-qamħ tikkontribwixxi għal żieda fil-kwantità ta' ppurgar.	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli minn dik il-fibra kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIL-FIBRA kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2010;8(10):1817	3066
Fibra tas-segala	Il-fibra tas-segala tikkontribwixxi għall-funzjoni normali tal-imsaren	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li għandu livell għoli minn dik il-fibra kif imsemmi fl-indikazzjoni GĦOLI FIL-FIBRA kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.		2011;9(6):2258	825
Flavanoli tal-kawkaw	Il-flavanoli tal-kawkaw jgħinu jżommu l-elastiċità tal-vażi tad-dem, li jikkontribwixxu għall-fluss normali tad-dem (*****) (*****)	<p>Il-konsumaturi għandhom jingħataw informazzjoni li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz ta' doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' flavanoli tal-kawkaw.</p> <p>Id-dikjarazzjoni tista' tintuża biss għal xarbiets tal-kawkaw (bi trab tal-kawkaw) jew għal ċikkulata skura li tipprovdi mill-inqas doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' flavanoli tal-kawkaw bi grad tal-polimerizzazzjoni ta' 1-10 (*****)</p> <p>Id-dikjarazzjoni tista' tintuża biss għal kapsuli jew pilloli li fihom estratt tal-kawkaw b'doża għolja ta' flavanoli li jipprovdu mill-inqas doża ta' kuljum ta' 200 mg ta' flavanoli tal-kawkaw bi grad tal-polimerizzazzjoni ta' 1-10 (*****)</p>	—	<p>2012;10(7):2809 (*****)</p> <p>2014;12(5):3654 (*****)</p>	—

▼ **M7**

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Fluworidu	Il-fluworidu jikkontribwixxi għaż-żamma tal-mineralizzazzjoni tas-snien	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' fluworidu kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1212 2010;8(10):1797	275, 276, 338, 4238,
Folat	Il-folat jikkontribwixxi għal tkabbir fit-tessut matern matul it-tqala	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1213	2882
Folat	Il-folat jikkontribwixxi għas-sinteżi normali tal-aċidu amminiku	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2010;8(10):1760	195, 2881
Folat	Il-folat jikkontribwixxi għall-metaboliżmu normali tal-omoċisteina	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1213	80
Folat	Il-folat jikkontribwixxi għall-funzjoni psikoloġika normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2010;8(10):1760	81, 85, 86, 88
Folat	Il-folat jikkontribwixxi għall-funzjonament normali tas-sistema immunitarja	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1213	91
Folat	Il-folat jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-għejja u fl-għejja kbira	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2010;8(10):1760	84

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Folat	Il-folat għandu rwol fil-proċess tad-diviżjoni taċ-ċelluli	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1213 2010;8(10):1760	193, 195, 2881
Folati	Il-folat jikkontribwixxi għall-formazzjoni normali tad-demem	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' folat kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1213	79
Fosfru	Il-fosfru jikkontribwixxi għall-metaboliżmu li jipproduċi l-enerġija b'mod normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' fosfru kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1219	329, 373
Fosfru	Il-fosfru jikkontribwixxi għall-funzjoni normali taċ-ċelluli membrani	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' fosfru kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1219	328
Fosfru	Il-fosfru jikkontribwixxi għaż-żamma ta' għadam normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' fosfru kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1219	324, 327
Fosfru	Il-fosfru jikkontribwixxi għaż-żamma ta' snien normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' fosfru kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1219	324, 327

▼B	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
▼M1	Fruttożju	Il-konsum tal-ikel li fih fruttożju jwassal għal żieda iżgħar fil-glukożju tademm meta mqabbel mal-ikel li fih sukrożju jew glukożju	Sabiex tintwera l-indikazzjoni, il-glukożju u/jew s-sukrożju għandu jinbidel mill-fruttożju magħmul ħelu biż-żokkor fl-ikel jew ix-xorb sabiex it-tnaqqis fil-kontenut tal-glukożju u/jew sukrożju, f'dan l-ikel jew xorb, hija mill-inqas 30 %.		2011;9(6):2223	558
▼B	Ġewż	Il-ġewż jikkontribwixxi għal titjib fl-elastiċità tal-vini	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jipprovdi doża ta' kuljum ta' 30 g ta' ġewż. Sabiex iġib din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 30 g ta' ġewż.		2011;9(4):2074	1155, 1157
▼M1	Għanbaqar imqadded ta' "cultivars" tal-pruna (<i>Prunus domestica</i> L.)	Għanbaqar imqadded/pruna jikkontribwixxu għall-funzjoni tal-musrana normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għall-ikel li jipprovdi doża ta' kuljum ta' 100 g ta' għanbaqar imqadded (pruna). Sabiex tintwera l-indikazzjoni, għandu jingħata tagħrif lill-konsumaturi li l-effett favorevoli jinkiseb permezz ta' doża ta' kuljum ta' 100 g ta' għanbaqar imqadded (pruna).		2012;10(6):2712	1164
▼B	Glukomannan (konjac mannan)	Il-glukomannan jikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-demm	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jipprovdi doża ta' kuljum ta' 4 g ta' glukomannan. Sabiex iġib din l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 4 g ta' glukomannan.	Għandha tingħata twissija ta' fgar lill-persuni li għandhom diffikultà biex jibilgħu jew meta jibilgħu mingħajr ammont ta' fluwidu adegwat — pariri dwar it-teħid b'ħafna ilma biex jiġi żgurat li s-sustanza tasal fl-istonku.	2009; 7(9):1258 2010;8(10):1798	836, 1560, 3100, 3217

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konsolidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Glukomannan (konjac mannan)	Il-glukomannan fil-kuntest ta' dieta ta' enerġija ristretta jikkontribwixxi għal telf fil-piż	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jkun fiha 1 g ta' glukomannan għal kull porzjon ikkwantifikat. Sabiex iġib l-indikazzjoni, il-konsumatur għandu tingħatalu infomazzjoni li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 3 g ta' glukomannan maqsuma fi tliet dożi ta' 1 g kull waħda, flimkien ma' 12-il tazza ilma, qabel l-ikel u fil-kuntest ta' dieta ta' enerġija ristretta.	Għandha tingħata twissija ta' fgar lill-persuni li għandhom diffikultà biex jibilgħu jew meta jibilgħu mingħajr ammont ta' fluwidu adegwat — pariri dwar it-teħid b'ħafna ilma biex jiġi żgurat li s-sustanza tasal fl-istonku.	2010;8(10):1798	854, 1556, 3725,
Gomma tal-Gwar	Il-gomma tal-gwar tikkontribwixxi għaż-żamma ta' livelli normali ta' kolesterol fid-demm	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li jipprovdi doża ta' kuljum ta' 10 g ta' gomma tal-gwar. Sabiex iġib l-indikazzjoni, il-konsumatur għandha tingħatalu informazzjoni dwar il-fatt li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb b'doża ta' kuljum ta' 10 g ta' gomma tal-gwar.	Għandha tingħata twissija ta' fgar lill-persuni li għandhom diffikultà biex jibilgħu jew meta jibilgħu mingħajr ammont ta' fluwidu adegwat — pariri dwar it-teħid b'ħafna ilma biex jiġi żgurat li s-sustanza tasal fl-istonku.	2010;8(2):1464	808
Hadid	Il-ħadid jikkontribwixxi għall-funzjoni konjittiva normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' ħadid kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1215	253
Hadid	Il-ħadid jikkontribwixxi għall-metaboliżmu li jipproduċi l-enerġija b'mod normali	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' ħadid kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1215 2010;8(10):1740	251, 1589, 255
Hadid	Il-ħadid jikkontribwixxi għall-formazzjoni normali ta' ċelluli ħomor tad-demm u ta' emoglobina	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' ħadid kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1215 2010;8(10):1740	249, 1589, 374, 2889

▼B

Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Indikazzjoni	Kundizzjonijiet għall-użu tal-indikazzjoni	Kundizzjonijiet u/jew restrizzjonijiet tal-użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali	Numru tal-Ġurnal tal-EFSA	Numru tad-dħul rilevanti fil-Lista Konso-lidata ppreżentata lill-EFSA għall-valutazzjoni tagħha
Hadid	Il-ħadid jikkontribwixxi għat-trasport normali tal-ossiġenu fil-ġisem	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' ħadid kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1215 2010;8(10):1740	250, 254, 256, 255
Hadid	Il-ħadid jikkontribwixxi għall-funzjonament normali tas-sistema immunitarja	L-indikazzjoni tista' tintuża biss għal ikel li huwa mill-inqas sors ta' ħadid kif imsemmi fl-indikazzjoni SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERAL/I] kif elenkat fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru1924/2006.		2009; 7(9):1215	252, 259
